# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 8**

**Ċitazzjoni Numru 17/00 JRM**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**v.**

**J. Cachia Caruana Limited,**
**Carmelo sive Charles u Maryrose miżżewġin Ellul Sullivan,**
**Philip u Maria Dolores sive Lora miżżewġin Azzopardi,**
**CSMR Trading Company Limited u A & S Holding Company Limited**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-2 ta' Mejju 2012 li qed tiġi riprodotta għall-aħjar intendiment:

> "**Il-Qorti:**
>
> "Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-6 ta' Jannar, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-Bank attur talab li din il-Qorti (a) tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsuh is-somma ta'

ħames mija u wieħed u għoxrin elf u ħamsa u ħamsin lira Maltin u tnejn u tletin ċenteżmi (Lm 521,055.32)[1] bilanċ għad-debitu fl-*Overdraft Account* ta' J Cachia Caruana Limited mal-istess Bank, flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 1999 sad-data tal-ħlas effettiv. Talab ukoll l-ispejjeż u iddikjara li din l-azzjoni kienet qiegħda ssir bla ħsara għal proċeduri oħrajn li kienu nbdew f'istanza għal rasha kontra l-imħarrkin miżżewġin Azzopardi mill-istess bank;

"Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin ilkoll flimkien fl-24 ta' Frar, 2000, li bija laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ċaħdu li huma għandhom jagħtu lill-Bank attur l-ammont minnu mitlub u dan għaliex, (i) l-imsemmi ammont jgħodd fih imgħax li jaqbeż il-kapital misluf u għalhekk l-ammont imissu jitnaqqas b'kemm minn dak l-imgħax jaqbeż il-kapital, (ii) li s-somma mitluba fiha konteġġ ħażin tal-imgħax u li għalhekk imissu jkun aġġustat, (iii) il-Bank attur mexa ħażin magħhom u ma żammx mal-prattika bankarja xierqa b'mod li ġabilhom ħsara u wassalhom fil-qagħda finanzjarja attwali tagħhom bi pratiki skorretti, (iv) li l-kont tagħhom ġie addebitat għal "debiti li ma kenux korrettement adebbittabli lilhom", (v) l-Bank attur naqas li jmexxi biex idaħħal ammonti li sata' ġabar għalih u daħħal lill-eċċipjenti f'dewmien, speċjalment fil-konfront tal-kont tal-*merchandising* li sar fl-istess Bank, u (vi) il-kont tagħhom kien milqut minn Mandat ta' Sekwestru mitlub mill-Kontrollur tad-Dwana, liema att kawtelatorju għarraq il-qagħda finanzjarja tagħhom u, minkejja t-tentativi tagħhom biex iħollu l-kwestjonijiet pendenti mal-imsemmi Kontrollur tad-Dwana, wassal biex huma ġarrbu ksur għall-jedd tagħhom ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, liema kawżi kienu għadhom ma ġewx maqtugħa;

"Rat il-provi mressqa mill-partijiet, magħduda dawk bil-meżż tal-affidavit u provi dokumentali;

"Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' April, 2004[2], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tat-18 ta' Marzu, 2004, għall-ħatra ta' espert komputista;

"Rat id-degriet l-ieħor tagħha ta' dak inhar li bih ordnat li t-trattazzjoni tal-għeluq issir permezz ta' noti ta' sottomissjonijiet li, minħabba n-natura tal-eċċezzjonijiet li tressqu, l-ewwel kellhom jibdew iressquhom l-imħarrkin;

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-28 ta' Ġunju, 2004[3];

[1] Li jġibu € 1,213,732.40 fi flus tal-lum
[2] Paġ. 502 tal-proċess
[3] Paġġ. 504 sa 510 tal-proċess

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Bank attur fit-30 ta' Settembru, 2004[4], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

"Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Jannar, 2005[5], li bih ċaħdet talba tal-kumpannija mħarrka J Cachia Caruana Limited biex il-Qorti tħalliha tressaq prova miktuba ġdida dwar il-pretensjonijie tagħha;

"Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

"Rat l-atti kollha tal-kawża;

"Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

"***Ikkunsidrat:***

"Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' kreditu mnissel mill-għoti ta' faċilita' bankarja. Il-Bank attur (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "BOV") qiegħed jitlob il-ħlas lura ta' bilanċ li nġama' fuq faċilita' ta' *overdraft* li ta lil kumpannija klijenta tiegħu li, min-naħa tagħha, BOV jgħid li naqset li tħallas kif miftiehem. Minħabba li dwar l-istess faċilita' bankarja daħlu b'garanti persuni oħrajn, BOV qiegħed ifittex lilhom ukoll, flimkien mal-kumpannija klijenta, għall-ħlas tal-imsemmi ammont u l-imgħaxijiet legali;

"Illi, għall-imsemmija azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi qalu li t-talba m'hijiex mistħoqqa u l-ammont mitub m'huwiex tassew dovut minnhom. Huma taw sitt raġunijiet għaliex, fil-fehma tagħhom, dan hu hekk. Huma jsemmu li (i) l-imsemmi ammont jgħodd fih imgħax li jaqbeż il-kapital misluf u għalhekk l-ammont imissu jitnaqqas b'kemm minn dak l-imgħax jaqbeż il-kapital, (ii) li s-somma mitluba fiha konteġġ ħażin tal-imgħax u li għalhekk imissu jkun aġġustat, (iii) il-Bank attur mexa ħażin magħhom u ma żammx mal-prattika bankarja xierqa b'mod li ġabilhom ħsara u wassalhom fil-qagħda finanzjarja attwali tagħhom bi pratiki skorretti, (iv) li l-kont tagħhom ġie addebitat għal "debiti li ma kenux korrettement adebbittabli lilhom", (v) l-Bank attur naqas li jmexxi biex idaħħal ammonti li sata' ġabar għalih u daħħal lill-eċċipjenti f'dewmien, speċjalment fil-konfront tal-kont tal-*merchandising* li sar fl-istess Bank, u (vi) il-kont tagħhom kien milqut minn Mandat ta' Sekwestru mitlub mill-Kontrollur tad-Dwana, liema att kawtelatorju għarraq il-qagħda finanzjarja tagħhom u, minkejja t-tentativi tagħhom biex iħollu l-kwestjonijiet pendenti mal-imsemmi Kontrollur tad-Dwana, wassal biex huma ġarrbu ksur għall-jedd tagħhom ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, liema kawżi kienu għadhom ma ġewx maqtugħa;

---

[4] Paġġ. 512 sa 528 tal-proċess
[5] Paġ. 554 tal-proċess

"Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li fit-13 ta' Mejju, 1991[6], BOV (mill-fergħa tiegħu tal-Marsa) kien aċċetta li jagħti lill-kumpannija mħarrka J Cachia Caruana Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "JCC") faċilita' bankarja ta' *overdraft* sal-ammont ta' mitt elf lira Maltin (Lm 100,000) bħala *working capital* b'rabta mal-ħidma kummerċjali ewlenija tagħha ta' importazzjoni u bejgħ ta' prodotti tal-ikel u ħelu. Fis-17 ta' Mejju, 1991[7], l-imħarrkin Charles Ellul Sullivan u Philip Magri resqu għal kitba ta' rabta ta' garanzija mal-BOV dwar il-faċilita' bankarja ta' *overdraft* li l-istess Bank kien ikkonċeda lil JCC. Din il-garanzija ma kenitx taqbeż l-mitt elf lira Maltin (Lm 100,000);

"Illi bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello tad-9 ta' Ottubru, 1991[8], BOV ikkonċeda lil JCC estensjoni tal-imsemmija faċilita' bankarja ta' *overdraft* sal-ogħla ammont ta' sitt mija u ħamsa u għoxrin elf lira maltin (Lm 625,000) u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet kollha hemm imfissra u aċċettati minn JCC. Bħala garanti solidali fuq l-istess att nutarili tar-rabtiet li daħlet għalihom JCC, daħlu l-kumpanniji mħarrkin CSMR Trading Company Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "CSMR"), A & S Holding Company Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "A&S") u l-imħarrek Philip Azzopardi. Dak inhar ukoll, b'kitba privata li ġġib l-istess data[9], l-imħarrkin Charles Ellul Sullivan, Philip Azzopardi, CSMR u A&S daħlu garanti dwar l-imsemmija faċilita' sal-ammont ta' sitt mija u tmienja u għoxrin elf lira Maltija (Lm 628,000). Dawn l-arranġamenti saru skond *sanction letters* maħruġa minn BOV fit-12 ta' Awissu, 1991[10] u fid-29 ta' Awissu, 1991[11];

"Illi fl-istess att nutarili, JCC ingħatat ukoll self minn BOV għas-somma ta' tlieta u ħamsin elf lira Maltin (Lm 53,000), bħala l-bilanċ mill-prezz li JCC ħallset fuq l-istess att biex xtrat bini bl-isem ta' "*Navillus Complex*", li jinsab fi Triq l-Imdina, Ħal Qormi, mingħand il-kumpannija N.I.B. Limited;

"Illi f'Mejju tal-1992, il-Kontrollur tad-Dwana ħareġ Mandat ta' Sekwestru kontra JCC għas-somma ta' mitejn u tnejn u tmenin elf seba' mija u tmien liri Maltin (Lm 282,708)[12]. Wieħed mis-sekwestratarji kien BOV. Waħda mill-miżuri li BOV ħa – u li dwarha kiseb ukoll l-awtoriżżazzjoni b'degrieti tal-Qorti kompetenti – kienet dik li beda jmexxi l-*Merchandising Account* (li kien parti mill-faċilita' bankarja globali mogħtija lil JCC) li, bis-saħħa tiegħu, żamm taħt idejh kontroll tal-

[6] Appendix "D", f'paġ. 249 tal-proċess
[7] Dok "Ċ", f'paġġ. 162 – 3 tal-proċess
[8] Dok "A", f'paġġ. 7 sa 20 tal-proċess
[9] Dok "D", f'paġġ. 164 – 5 tal-proċess
[10] Appendix "E", f'paġġ. 250 – 3 tal-proċess
[11] Appendix "F", f'paġ. 255 tal-proċess
[12] Dok "KD1", f'paġġ. 425 *et seq* tal-proċess

merkanzija li kellha JCC b'rahan u kif ukoll tar-rikavat mill-bejgħ tagħha hekk kif kien isir;

"Illi bejn Settembru tal-1992 u Settembru tal-1996, JCC kienet qiegħda tipproponi għadd ta' inizzjativi ma' BOV bil-għan li t-tħaddim tal-faċilita' li kellha miegħu ikun jista' jitmexxa u jsiru l-ħlasijiet mistennija[13]. JCC tgħid li għal bosta minn dawn l-inizjativi, BOV lanqas ta l-fehma tiegħu[14], minkejja li kienu jinżammu laqgħat. Skond l-awdituri ta' JCC, f'Marzu tal-1994, il-kumpannija kellha tagħti lil BOV Lm 522,839[15]. Kien f'Settembru tal-1996[16], li BOV bagħat proposta li, madankollu, JCC dehrilha li ma kenitx waħda ġusta li setgħet taċċetta;

"Illi sadattant, bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tad-29 ta' Diċembru, 1995[17], JCC biegħet lil CSMR[18] il-post "*Navillus Complex*" f'Ħal Qormi, bir-rikavat ta' Lm 95,000 jgħaddi mill-ewwel b'delega favur BOV, li, min-naħa tiegħu, irrinunzja għall-jeddijiet ipotekarji li kellu favurih fuq dak il-ġid. Jidher li l-bqija tal-faċilita' ta' self li ngħatat ukoll fuq l-imsemmi att favur il-kumpannija xerrejja, ghadda wkoll f'idejn BOV[19]. Madankollu, jidher li JCC baqgħet taħdem minn dak l-istess fond xorta waħda wara dik id-data[20];

"Illi b'ittra tat-13 ta' Frar, 1996[21], JCC talbet lil BOV biex "tagħlaq" il-kont tas-self fuq il-post "*Navillus Complex*" u tiddebita s-somma aġġornata sa dak inhar fuq il-kont tal-*overdraft*. BOV mexa ma' dak mitlub minnha, jumejn wara;

"Illi fl-4 ta' Ottubru, 1996[22], BOV interpella lill-imħarrkin b'atti ġudizzjarji, u talabhom iħallsu s-somma ta' erba' mija u għaxart elef, ħames mija u tmienja u tmenin lira Maltija u tnejn u tletin ċenteżmu (Lm 410,588.32) rappreżentanti l-bilanċ li kien jirriżulta dovut lilu sal-l ta' Ottubru fuq l-imsemmija faċilita', flimkien mal-imgħax ulterjuri. L-imħarrkin wieġbu għal dan l-att ġudizzjarju b'ittra legali ftit jiem wara[23];

[13] Appendiċi "Ħ", "I", "J", "O", "P" f'paġġ. 276 – 7, 283 – 4, 315 – 6, 333 u 334 tal-proċess
[14] Affidavit ta' Carmelo Ellul Sullivan 11.5.2001, f'paġġ. 222 – 9 tal-proċess
[15] Appendix "I", f'paġ. 282 tal-proċess
[16] Appendix "EE", f'paġġ. 366 – 7 tal-proċess
[17] Appendix "N", f'paġġ. 325 sa 331 tal-proċess
[18] Fil-fatt, jidher li kienet inħalqet kumpannija ġdida bl-isem ta' CSMR (1994) Ltd li kisbet dak il-ġid
[19] Affidavit ta' Carmel Axiaq 27.11.2003, f'paġ. 421 tal-proċess
[20] B'eżempju, ara Appendiċi "ĊĊ", "ĠĠ" u "RR", f'paġġ. 362, 371 u 396 – 7 tal-proċess
[21] Dok "X1", f'paġ. 541 tal-proċess
[22] Dokti "E" sa "I", f'paġġ. 166 sa 185 tal-proċess
[23] Appendix "ĦĦ", f'paġ. 373 tal-proċess

"Illi lejn l-aħħar tal-1996[24], JCC assenjat lil CSMR (1994) id-ditti li hija kellha l-aġenzija tagħhom għas-somma ta' mitejn u disgħin elf lira Maltin (Lm 290,000)[25] liema ħlas kellu jsir tal-31 ta' Diċembru tal-2007 b'imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena. Dak iż-żmien komplew isiru kuntatti – l-aktar bil-kitba – bejn JCC u BOV bil-għan li tkun finalizzata l-pendenza ta' bejniethom. Kull naħa kienet tressaq proposti u kontro-proposti. F'Ġunju tal-1998, BOV wera li kien saħansitra lest li jżomm lura milli jiftaħ kawża kontra l-imħarrkin jekk kemm-il darba dawn iwettqu ċerti kundizzjonijiet proposti minnu[26]. Ftehim baqa' ma ntlaħaqx;

"Illi l-kawża nfetħet f'Jannar tal-2000;

"Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li huma meħtieġa f'din il-kawża jintrabtu iżjed mal-kontestazzjonijiet imressqin mill-imħarrkin milli mal-kwestjoni fattwali nnifisha tal-eżistenza tal-kreditu pretiż. Mill-istess raġunijiet miġjuba 'l quddiem mill-imħarrkin biex jilqgħu għat-talba tal-ħlas, ma jistax jingħad li BOV m'għandux kreditu favurih kontra tagħhom, iżda l-kwestjoni fl-aħħar mill-aħħar tinżel għal waħda ta' kwantifikazzjoni ta' dak mitlub. Mill-atti tal-kawża, lanqas jidher li l-imħarrkin jikkontestaw li seħħew ċirkostanzi li jintitolaw lil BOV jitlob il-ħlas, liema ċirkostanzi jissemmew fil-kuntratt innifsu li estenda l-faċilita' bankarja. L-imħarrkin jidhrilhom, madankollu, li dawk iċ-ċirkostanzi wkoll ġraw minkejja fihom, jekk mhux ukoll saħansitra ipprovokati minħabba t-tmexxija ħażina ta' BOV li ġabithom f'dik il-qagħda mwiegħra;

"Illi, fil-każ tal-lum, kien jaqa' fuq il-BOV li juri li seħħew il-ġrajjiet maħsuba fil-kuntratt li jwasslu għall-jedd tiegħu li jitlob minnufih il-ħlas tal-bilanċ. Kien jaqa' fuqu wkoll il-piż li jipprova kemm kien il-bilanċ tassew lilu dovut. Lil hinn minn hekk, kien jaqa' fuq l-imħarrkin li jippruvaw l-allegazzjonijiet l-oħrajn li għamlu. Kif ingħad qabel, fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħhom, huma jsemmu sitt ċirkostanzi li mnħabba fihom jisħqu li t-talba attriċi ma jmisshiex tintlaqa'. Dawn l-allegazzjonijiet jinġabru taħt tliet oqsma ġenerali ta' ħsieb: jiġifieri (i) l-imġiba ta' BOV lejn JCC, (ii) is-siwi tar-raġuni għat-twaqqif tat-tħaddim tal-kont bankarju, u (iii) kif tqiesu l-imgħaxijiet;

"Illi BOV jiċċara li t-talba tiegħu tirreferi biss għall-faċilita' tal-*overdraft* u m'għandha x'taqsam xejn mas-self ta' Lm 53,000 u mal-*merchandising account* (BOV jgħid li dawn iż-żewġ faċilitajiet kienu tħallsu u ngħalqu u

[24] Appendix "Ċ", f'paġġ. 240 – 7 tal-proċess
[25] Affidavit ta' Charles Ellul Sullivan 11.5.2001, f'paġ. 220 tal-proċess
[26] Appendix "ĊĊĊ", f'paġġ. 399/24 – 399/26 tal-proċess

ma kienu qatt jagħmlu mill-mertu tal-talba tiegħu f'din il-kawża[27]). Iżid jgħid li l-imħarrkin ukoll jaqblu kemm kien il-bilanċ tal-imsemmi *overdraft* dak inhar li l-Kontrollur tad-Dwana ħareġ il-Mandat ta' Sekwestru u għalhekk ma hemm l-ebda ħtieġa li l-Qorti toqgħod taħtar perit komputista biex isib kemm, mis-somma mitluba fiċ-Ċitazzjoni, tirrappreżenta l-kapital, u kemm minnha huwa l-imgħax miżjud fuq dik is-somma;

"Illi fil-fehma tal-Qorti l-ewwel konsiderazzjoni li trid issir dwar l-istħarriġ tal-kwestjoni kollha bejn il-partjiet titlaq mill-fatt li l-faċilita' bankarja li dwarha BOV ressaq din il-kawża bdiet bħala waħda ta' *overdraft* (bnadi oħrajn magħrufa bħala waħda ta' kont kurrenti). Huwa minnu li kien ingħata self biex jinxtara ġid immobli, u kif ukoll li parti mill-faċilita' kienet għat-tħaddim ta' *merchandising account*. Iżda filwaqt li, kif ingħad qabel, il-faċilita' tas-self kienet "saldata" billi nqatlet u l-bilanċ tagħha – fuq talba minn JCC nnifisha – ntefa' fil-faċilita' tal-*overdraft*, fil-każ tal-*merchandising account* dan ukoll kien jitħaddem bħallikieku kien *overdraft*, ħlief li kien jiddependi mill-volum ta' merkanzija li kien ikun inxtara minn żmien għal żmien u fuq liema merkanzija BOV kien iżomm bħal rahan biex kull dħul mill-bejgħ tagħha (tal-merkanzija) sata' jkun magħruf u kontrollat mill-istess Bank. F'kull każ, dwar dan il-*merchandising account* ukoll kien ittieħed provvediment amministrativ minn BOV f'Novembru tal-1994, biex il-bilanċ "inqatel" u ntefa' fil-faċilita' tal-*overdraft*. Għalhekk, għall-finijiet prattiċi dwar l-istħarriġ tal-pożizzjonijiet taż-żewġ naħat f'din il-kawża (u wkoll biex il-Qorti ma toħroġx lil hinn mill-parametri ta' kif inhi mfassla t-talba attriċi), il-Qorti qiegħda tqis li l-faċilita' li dwarha issa BOV qiegħda titlob il-ħlas inbdiet bħala u kienet fin-natura tagħha waħda ta' kont kurrenti;

"Illi mbagħad, it-tieni konsiderazzjoni ewlenija hi li, b'seħħ minn dak inhar li BOV, bħala sekwestratarju, kien notifikat bil-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontra JCC f'Mejju tal-1992, il-faċilita' twaqqfet. Minn provi mressqa minn BOV[28], dan seħħ fit-22 ta' Mejju, 1992. Jidher li dan it-twaqqif kienet taf bih JCC wkoll għaliex l-awdituri tagħha wkoll, fit-tentativi tagħhom li jippruvaw isibu żblokk għall-*impasse* li kien seħħ bl-imsemmi Mandat, itennu dan il-fatt fil-proposti tagħhom (l-aktar dawk li jitkellmu dwar id-dekorrenza tal-imgħaxijiet). Fi kliem ieħor, JCC gawdiet mill-faċilita' għal ftit aktar minn sena u xahar mill-ewwel darba li ngħatat, u ftit aktar minn sitt xhur minn dak inhar li sar l-att pubbliku (f'Ottubru tal-1991) li estenda l-faċilita' u rabat lill-imħarrkin kollha bil-mod diġa' mfisser;

---

[27] Dan ġara billi, jew fuq talba tal-klijenta nnifisha jew b'mod ieħor, il-bilanċi ta' dawn iż-żewġ kontijiet kienu inkorporati fil-kont tal-*overdraft*, ara Dokti "JCC10", "JCC11" u "JCC12", f'paġġ. 544, 546 u 549 tal-proċess

[28] Xhieda ta' Carmel Axiaq 27.11.2003, f'paġ. 419 tal-proċess

"Illi t-tielet konsiderazzjoni hija li l-Mandat ta' Sekwestru ma tnissilx minn għamil ta' BOV, iżda minn pretensjoni tal-Kontrollur tad-Dwana kontra JCC u d-diretturi tagħha marbuta ma' mġiba mhux xierqa allegata tal-istess JCC u tal-istess diretturi tagħha. F'din il-ġrajja (li nisslet għadd ta' proċeduri ġudizzjarji min-naħa u minn oħra) BOV inqabad bħala terz (sekwestratarju) u ma jidhirx li kien hu jew minħabba mġiebtu li nħareġ l-imsemmi Mandat;

"Illi issa li saru dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis **l-ilmenti tal-imħarrkin dwar l-imġiba tal-BOV fil-konfront tagħhom**. Fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħhom u d-dikjarazzjoni maħlufa mehmuża magħha, huma jallegaw li BOV mexa ħażin magħhom u ma żammx mal-prattika bankarja xierqa b'mod li ġabilhom ħsara u wassalhom fil-qagħda finanzjarja attwali tagħhom bi pratiki skorretti, li l-kont tagħhom ġie addebitat għal "debiti li ma kenux korrettement adebbittabli lilhom", u li BOV naqas li jmexxi biex idaħħal ammonti li sata' ġabar għalih u daħħal lill-eċċipjenti f'dewmien, speċjalment fil-konfront tal-kont tal-*merchandising* li sar fl-istess Bank. Fl-istqarrija maħlufa ta' l-imħarrek Carmelo Ellul Sullivan (u f'dik tal-imħarrek Philip Azzopardi, li hija fula maqsuma tal-istqarrija tal-imħarrek l-ieħor), jissemmew ukoll tmien (8) ċirkostanzi li JCC tqis li wasslu għall-qagħda finali[29]. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, jixlu lil BOV bi tnikkir biex jgħinhom jinqalgħu mis-sarima li nħalqet fil-kont tagħhom wara l-ħruġ tal-Mandat, dwar ir-rifjut min-naħa ta' BOV li jagħtihom faċilita' ġdida b'garanzija magħmula bl-assi u l-ġid eżistenti tagħhom, u dwar id-deċiżjoni meħuda li jwaqqaf iħaddem il-Kont wara li kiien notifikat bil-Mandat[30];

"Illi, kif sewwa issottometta l-għaref difensur ta' BOV fin-Nota tiegħu, huwa fatt li l-imħarrkin ma ressqu l-ebda talba rikonvenzjonali kontra BOV għad-danni li jgħidu li dan ġabilhom. Għalhekk, l-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa maħsub biss biex tara jekk, kieku tassew jirriżulta li BOV wettaq b'imġiba mhux sewwa xi għemejjel li ġabu ħsara, imġiba bħal din tasalx biex tnaqqas jew ixxejjen it-talba attriċi ta' BOV;

"Illi biex tagħmel dan l-istħarriġ, il-Qorti fliet b'reqqa l-provi mressqa, u qabblet ix-xhieda mogħtija (l-aktar dik magħmula b'affidavit dettaljati u dokumenti mehmużin, li f'xi każijiet kienu kollha kopja ta' xulxin). Rat ukoll l-argumenti ta' BOV biex jirribattu x-xiljiet tal-imħarrkin. Ma huwiex il-każ li l-Qorti toqgħod telenkahom kollha jew li tipprova tiġbor kulma sar matul tmien snin ta' taqtigħ il-qalb fi proċess li ried iwassal biex JCC tiftiehem ma' BOV dwar kif kellu jitħallas il-kont li kien ingħalaq;

"Illi, madankollu, il-Qorti jidhrilha li huma rilevanti ħafna dawn il-ġrajjiet. Fl-ewwel lok, fil-ħin li nħareġ il-Mandat ta' Sekwestru, l-provi juru li JCC kienet inqdiet bil-faċilita' sal-ogħla massimu tagħha disponibbli kif

[29] Ara paġġ. 232 – 3 u 399/41 – 399/43 tal-proċess
[30] Ara Nota sottomissjonijiet f'paġġ. 505 u 507 tal-proċess

stabilit fil-kuntratt tad-9 ta' Ottubru, 1991. Fit-tieni lok, il-*call in* tal-BOV sar b'effett tal-Mandat u, b'mod partikolari, fid-dawl tal-ammont sostanzjali tal-kreditu pretiż mill-Kontrollur eżekutant. Fit-tielet lok, JCC ressqet proposti għall-kunsiderazzjoni ta' BOV, imma ippretendiet fuq medda twila ta' żmien li dawn ikunu mitħaddta u diskussi mal-ogħla awtoritajiet ta' BOV u ma' ħadd aktar. BOV baqa' jisħaq li din kienet kwestjoni li kellha tkun mitħaddta u solvuta mal-*manager* tal-fergħa fejn kien "residenti" l-kont imblokkat. Fir-raba' lok, JCC għamlet kampanja twila biex titlob lill-BOV jawtorizza t-trasferiment tal-kont tagħha għal fergħa oħra. Fil-ħames lok, JCC (għal raġunijiet li ma tfissirx sewwa) saħqet li l-*manager* tal-fergħa ma kienx jikko-opera u kien wassal biex imblokka t-tħaddim tal-kont minbarra li qatel kull inizjativa li JCC kienet toħroġ biha. Mill-provi, madankollu, joħroġ li l-*manager* partikolari – Carmel Axiaq – ħa l-ħatra fl-imsemmija fergħa tal-Marsa fi Frar tal-1993 (jiġifieri bosta xhur wara li nħareġ il-Mandat u ngħalaq il-kont) u kien isegwi l-politika tal-Bank u d-direttivi ta' dawk li kienu fuqu dwar il-kundizzjonijiet li BOV kien qed jippretendi mingħand JCC u l-garanti. Fis-sitt lok, sal-1995 (jiġifieri ħames snin qabel ma nfetħet il-kawża) JCC kienet kisbet faċilitajiet bankarji minn Bank ieħor u bdiet taħdem, bil-mezz ta' kumpannija ġdida li nħalqet fl-1994, mal-imsemmi Bank. Fis-seba' lok, fis-sottomissjonijiet tagħha[31], JCC tisħaq li l-ħruġ tal-Mandat kawtelatorju min-naħa tal-Kontrollur tad-Dwana "huwa legalment irrilevanti għad-deċiżjoni li ttieħdet mill-Bank biex jitwaqqfu l-faċilitajiet". Il-Qorti tqis li dikjarazzjoni bħal din mhux biss tmur għal kollox kontra waħda mill-eċċezzjonijiet "ġustifikatorji" tal-istess JCC li l-qagħda li tinsab fiha kienet sewwasew ir-riżultat dirett tal-ħruġ tal-imsemmi Mandat, iżda tissuġġerixxi li BOV, bħala sekwestratarju, messu ma tax każ tal-istess Mandat u baqa' miexi daqslikieku ma ġara xejn. Fit-tmien lok, għalkemm JCC tallega li BOV addebitalha ammonti b'mod ħażin, ma wriet imkien fejn ġara dan jew, għall-anqas, kemm kienu l-ammonti li allegatament ġew hekk addebitati. Bl-istess mod, l-imħarrkin naqsu għal kollox milli jfissru x'kienu l-pratiki mħaddma magħhom minn BOV li ma kenux il-pratiki bankarji preskritti. Fid-disa' lok, mill-provi ħareġ li BOV rażżan lilu nnifsu sewwa u għal żmien twil milli jippreċipita l-qagħda tal-imħarrkin, sakemm kellu tama li dawn se' jaslu bi pjan ta' ħlas lura li kien aċċettabbli lilu. Fiċ-ċirkostanzi li ħarġu, BOV kellu kull jedd bis-saħħa tal-kuntratt pubbliku li kien sar f'Ottubru tal-1991, li jisħaq fuq il-ħlas minnufih tal-bilanċi dovuti, iżda dan m'għamlux u dan iż-żmien kollu kien nifs għal JCC u l-imħarrkin biex jippruvaw jirpiljaw. Fl-għaxar lok, JCC toqgħod ħafna fuq ir-rapporti tal-awdituri tagħha biex turi li BOV ma kellux għalfejn iħabbel rasu dwar is-saħħa tagħha kummerċjali u l-garanziji li setgħet toffri. Jekk dan huwa tassew minnu, irid jingħad ukoll li l-istess awdituri, wara ċertu żmien (wara l-1991), ma baqgħux jintalbu jagħtu s-servizz tagħhom regolarment lil JCC[32] u għalhekk il-proġettazzjonijiet li saru f'April tal-

[31] Ara paġ. 508 tal-proċess
[32] Xhieda ta' John Attard 8.4.2003, f'paġ. 404 tal-proċess

1994[33] ma kenitx tista' tassew tirrifletti l-qagħda attwali u aġġornata ta' JCC li fuqha BOV sata' joqgħod bla tħassib ta' xejn. Fil-ħdax-il lok, sa tmiem l-1994, l-impiegi kollha ma' JCC kienu ntemmu u l-ħaddiema tqabbdu jagħdu mal-kumpannija l-ġdida CSMR (1994) Limited[34]. B'hekk, prattikament, JCC tneżżgħet ukoll minn elementi li kienu jiżguraw il-ħidma ekonomika tagħha. Fl-aħħarnett, fil-31 ta' Lulju, 1994[35], JCC kienet daħlet fi ftehim preliminari ma' CSMR (1994) Limited biex tassenjalha sensiela ta' ditti ewlenin li JCC kienet tirrappreżenta fil-ħidma tagħha. Dan il-ftehim kien finalizzat f'Diċembru tal-1996. It-tneħħija tal-imsemmija ditti minn idejn JCC favur il-kumpannija l-oħra sata' jagħmel sens anke kummerċjali għal JCC bil-għan li tibqa' taħdem, iżda żgur ma kienx jgħin lil BOV biex iqawwi qalbu li JCC kellha programm fejjiedi ta' kif sejra taqta' d-dejn tagħha miegħu, u żgur ma kienx jaqbel mal-prinċipju dikjarat tal-awdituri ta' JCC nfushom li saħqu li "*every action taken must be transparent and directed to inspire confidence in all concerned and in no way must be open to interpretation as being asset stripping*"[36];

"Illi l-Qorti jidhrilha li dawn iċ-ċirkostanzi probatorji li joħorġu mill-atti tal-kawża huma biżżejjed biex iwassluha għall-fehma li l-imħarrkin ma seħħilhomx juru li b'imġiebtu jew bl-imġiba ta' xi uffiċjal tiegħu, BOV tassew ġabilhom il-ħsara li jallegaw li ġralhom. Lanqas ma joħroġ li BOV ħa xi deċiżjoni arbitrarja jew kontra l-liġi fit-tmexxija tal-interessi tiegħu li jħares il-qagħda tiegħu. Il-fatt li BOV inqeda b'diskrezzjonijiet li, wara kollox, kienu miftehma f'kuntratt pubbliku mal-istess JCC u l-imħarrkin, ma jwassalx b'daqshekk għal għamil abbużiv jew kontra l-liġi;

"Illi, għalhekk, safejn l-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin jattribwixxu mġiba mhux tajba jew dannuża lil BOV dawn ma jirriżultawx u m'humiex sejrin jintlaqgħu;

"Illi BOV isejjes it-talba tiegħu fuq il-pretensjoni li l-imħarrkin ma qagħdux għat-termini u l-kundizzjonijiet tar-rabtiet kuntrattwali tagħhom. Għalkemm dan ma jissemmiex speċifikatament fiċ-Ċitazzjoni, huwa ċar li BOV jistrieħ fuq in-nuqqas ta' ħlas f'waqtu min-naħa tal-imħarrkin meta mitluba li jagħmlu dan, saħansitra b'att ġudizzjarju. In-nuqqas ta' ħlas f'waqtu huwa waħda mill-kundizzjonijiet miftehma fil-kuntratt u huwa kundizzjoni li dwarha l-imħarrkin garanti ntrabtu solidalment ma' JCC. Fuq kollox, in-nuqqas ta' ħlas huwa bil-liġi sura ta' inadempiment ta' rabta kuntrattwali li ġġib magħha effetti partikolari[37]. Allura, wkoll fejn il-ħlas tal-obbligazzjoni jsir, imma jsir wara ż-żmien, dawn l-effetti minħabba d-dewmien jitnisslu wkoll. Fil-każ tal-lum, ma hemm l-ebda

---

[33] Appendix "I", f'paġġ. 280 – 4 tal-proċess
[34] Xhieda ta' Lino Farruġia 6.12.2001, f'paġ. 399/48 tal-proċess
[35] Appendix "Ċ", f'paġġ. 246 – 7 tal-proċess
[36] Paġ. 280 tal-proċess
[37] Ara art. 1125, 1139 u 1140 tal-Kap 16

dubju li l-ħlas miftiehem ma sarx f'waqtu u imħarrkin ma jmierux dan il-fatt: kemm hu hekk, il-proċess kollu li ġara bejn l-1992 u l-2000 kien maħsub sewwasew biex isib tarf ta' dan il-problema u biex jitfassal pjan maqbul biex ikun saldat il-ħlas kollu dovut;

"Illi għalhekk, il-Qorti ssib li BOV seħħlu jipprova kawżali tajba li, bis-saħħa tal-kuntratt, kienet tintitolah li jressaq it-talba għall-ħlas u l-kundanna tal-imħarrkin għal dak il-ħlas;

"Illi, stabilit dan kollu, l-Qorti jeħtiġilha tgħaddi biex tqis l-**ilmenti tal-imħarrkin dwar is-somma kapitali dovuta u t-tħaddim tal-imgħaxijiet**. L-imħarrkin jeċepixxu li l-ammont mitlub fl-Att taċ-Ċitazzjoni m'huwiex dak li messu ntalab għaliex (a) fih hemm magħduda imgħaxijiet li jaqbżu l-kapital, (b) fih inħadmu mgħaxijiet fuq l-imgħaxijiet meta da ma messux sar, u (ċ) fih ma tteħidx każ ta' ħlasijiet li twettqu;

"Illi meta BOV ressaq l-ittra uffiċjali kontra l-imħarrkin f'Diċembru tal-1996, is-somma mitluba kienet ta' Lm 410,588.32 (li jġibu €956,413.50 fi flus tal-lum) flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Diċembru ta' dik is-sena 'l quddiem. Meta tressaq l-Att taċ-Ċitazzjoni fil-bidu ta' Jannar, 2000, is-somma miltuba kienet ta' Lm 521,055.32 (li jġibu €1,213,732.40 fi flus tal-lum) flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri b'seħħ mill-1 ta' Ottubru, 1999. Mill-kliem imħaddem fl-imsemmija żewġ atti ġudizzjarji, joħroġ li ż-żewġ ammonti mitluba kienu jgħoddu fihom ukoll xi mgħax;

"Illi JCC kienet ilha tilminta sa mill-1997 li ladarba BOV kien żamm il-faċilita' mal-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru, ma messux baqa' jqis l-imgħax minn dak inhar 'il quddiem[38]. Minbarra dan, JCC issa qiegħda tgħid li fis-somma mitluba, tant inġema' mgħax li dan qabeż il-kapital li jista' jkun dovut u l-liġi ma tħallix li dan isir (l-eċċezzjoni tal-*ultra alterum tantum* jew *ultra duplum*). Kif ingħad qabel, jaqa' fuq BOV li turi b'mod tajjeb x'inhu l-ammont li jistħoqqilha titlob u kif waslet għalih. Huwa mistenni wkoll li turi, fiċ-ċirkostanzi xierqa, kemm minn dak l-ammont huwa l-bilanċ tal-kapital u kemm minnu huwa mgħax. Mill-bqija, jekk kemm-il darba twettaq xi ħlas li l-imħarrkin jgħidu li ma ġiex rifless fil-prospett mehmuż mal-Att taċ-Ċitazzjoni, kien jaqa' fuq l-imħarrkin li juru x'kien dak il-ħlas, meta sar u kemm kien u dan taħt ir-regola li min jeċepixxi l-ħlas irid jippruvah;

"Illi f'dan il-waqt il-Qorti qiegħda terġa' tqis in-natura tal-faċilita' li ngħatat lil JCC. Kif ingħad qabel, meta ngħatat il-faċilita' bankarja oriġinali lil JCC, din kienet fis-sura ta' *overdraft*. Din l-għamla ta' faċilita' tiġbed fuqha karatteristiċi legali partikolari li kemm-il darba tfissru u ntwerew

[38] Appendix "NN" f'paġ. 385 tal-proċess

f'għadd ta' sentenzi tal-qrati tagħna. Fost dawn il-karatteristiċi, wieħed isib li faċilita' bħal dik imissha tingħaraf minn kuntratt ta' self għall-użu jew mutwu[39]; fuq kollox, f'faċilita' ta' dik l-għamla, il-mod kif jinġama' u jinħadem l-imgħax huwa partikolari għan-natura tal-kont kurrenti. Dawn iż-żewġ karatteristiċi jindirizzaw tnejn mit-tliet eċċezzjonijiet tal-imħarrkin f'dan ir-rigward;

"Illi fil-każ tal-faċilita' tal-*overdraft*, ladarba ma huwiex l-istess bħall-kuntratt ta' mutwu, dan huwa regolat minn liġijiet u użanzi kummerċjali li jgħoddu għalih u għalhekk il-mod kif jinħadmu l-konteġġi ta' dak li jkun disponibbli lill-klijent u dak li jiżdied bħala mgħax fuq dik il-parti li l-klijent ikun inqeda biha bħala self huma regolati bi pratika stabilita mill-banke jew istituzzjonijiet finanzjarji aċċettati fid-dinja kollha. Il-qofol tal-imsemmi proċess hu li "*la darba tkun saret il-kapitalizżazzjoni ta' l-interessi skaduti, l-indoli ta' l-interessi f'dawk il-flus kapitalizżati, oġġett ta' l-obbligazzjoni, tispiċċa, u l-istess flus interessi kapitalizżati jsiru ma' kull kapitalizżazzjoni, kapital, u bħala tali jiġi kunsidrati għall-effetti ġuridiċi sakemm l-obbligazzjoni relativa ma testingwix ruħha*"[40];

"Illi minħabba f'hekk, huwa meqjus li f'każijiet bħal dan ma jgħoddux ir-regoli li jinstabu fl-artikoli 986(2), 1142 u 1850 tal-Kodiċi Ċivili għal dak li jirrigwardaw it-tħaddim tar-regoli dwar l-ogħla rati applikabbli ta' mgħax fuq self u wkoll dawk relativi għal meta u kif jista' jintalab mgħax fuq mgħax. Huwa minnu wkoll li llum il-Kodiċi Ċivili nnifsu, f'dak li jirrigwarda l-Obbligazzjonijiet in Ġenerali (Titolu IV tat-Tieni Ktieb) u l-kuntratt ta' Mutwu (Titolu XVII tat-Tieni Ktieb) jidher li qiegħed jerħi mill-qawwa tar-rabta ta' r-regoli ċivili wkoll dwar it-tħaddim tal-imgħaxijiet[41]. F'kull każ, dwar faċilita' ta' *overdraft* jgħoddu, kif ingħad, pratiċi bankarji li jikkostitwixxu użu tal-kummerċ[42] u d-dispożizzjonijiet ta' liġijiet partikolari li jistabilixxu r-rati ta' mgħax[43]. Tassew, minħabba li tali pratiċi jistgħu jnisslu periklu ta' teħid ta' mgħax f'rati jew ammont ogħla bi ksur ta' l-ordni pubbliku u tar-regoli kontra l-anatoċiżmu, d-deroga li tingħata għat-tħaddim ta' faċilita' bħal din tkun imfissra b'mod ristrett[44];

"Illi, għalhekk, hija r-regola nnifisha li wkoll tippermetti eċċezzjonijiet, bħal ma jkun il-każ ta' użu kummerċjali jew fejn il-liġi nnifisha tippermetti l-imgħaxijiet bħala d-danni li jitnisslu mid-dewmien ta' twettiq ta'

---

[39] Art. 1842 tal-Kap 16

[40] P.A. **30.4.1947** fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo noe vs Ballucci*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.64**)

[41] Ara art. 1855A tal-Kap 16

[42] P.A. PS **28.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***P.L. Joseph Żammit noe et vs Lydia Pulis et*** (mhix appellata)

[43] Art. 33 tal-Kap 204

[44] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar noe vs Farruġia noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.ii.192**)

obbligazzjoni li jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata[45]. F'każ bħal dan, jitqies li ma jkunx xieraq li d-debitur jieħu vantaġġ min-nuqqas tiegħu li jwettaq l-obbligazzjoni[46] u jinqeda bil-proċeduri meħudin kontrih quddiem qorti biex jinqeda bihom bi skuża għaldaqshekk[47];

"Illi, madankollu, dawn il-karatteristiċi tal-faċilita' tal-*overdraft* jibqgħu jseħħu sakemm il-faċilita' tkun għadha miexja u fis-seħħ. Hekk kif dik il-faċilita' titwaqqaf, l-obbligazzjoni tinbidel[48] u l-imgħax jibqa' għaddej u jrid jinħadem bis-sistema mħaddem fl-obbligazzjonijiet li dwarhom jgħoddu r-regoli tal-imgħax (u tal-imgħax fuq l-imgħax) maħsuba fil-Kodiċi Ċivili u mhux aktar dawk imħaddmin mill-użu kummerċjali jew mill-pratiki bankarji[49];

"Illi dawn il-konsiderazzjonijiet għandhom impatt sħiħ fuq il-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum. Intwera li, hekk kif BOV laqa' n-notifika tal-Mandat ta' Sekwestru tal-Kontrollur tad-Dwana, waqqaf it-tħaddim tal-faċilita' ta' *overdraft* li kienet ingħatat JCC. Sar kif sar dan it-twaqqif, b'seħħ mit-22 ta' Mejju, 1992, wieħed jista' jqis li BOV għamel il-"*call in*". Mela, bi tħaddim tar-regoli u l-prinċipji fuq imsemmija, minn dak inhar 'il quddiem, sata' jintalab mingħand JCC fuq il-bilanċ li kien hemm dak inhar imgħax sempliċi biss bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena, u sata' jintalab mgħax fuq dak l-imgħax biss jekk BOV isegwi l-proċedura msemmija fl-artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili;

"Illi dan kollu jfisser li JCC ma kellha l-ebda jedd tippretendi li, b'seħħ mit-22 ta' Mejju, 1992, jitwaqqaf kull imgħax dovut fuq il-bilanċ mal-iffriżar tal-faċilita'. Min-naħa l-oħra, JCC kellha kull jedd li tippretendi li kull imgħax miġmugħ kien imgħax legali sempliċi. Dwar x'rata messha tkun tgħodd, il-Qorti m'hijiex f'qagħda li tistabilixxi, ladarba l-kwestjoni nfirxet fuq medda twila ta' żmien fejn bla dubju r-rata applikabbli nbidlet minn żmien għal żmien;

"Illi madankollu BOV jidher li ntebah b'din il-linja ta' argument ta' JCC u, fis-sottomissjonijiet tiegħu, ressaq prospett mirqum dwar il-kont tal-faċilita' tal-*overdraft* (A/c 141 0029 0049) relattiv għal JCC b'seħħ mit-22 ta' Mejju, 1992 sa l-aħħar ta' Settembru tal-1999. B'dan il-mod, wera kif inħadem mgħax biss sempliċi bir-rata tat-8% fis-sena minn dak inhar,

---

[45] Art. 1139 tal-Kap 16

[46] App. Kumm. **20.7.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Penza vs Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.205**)

[47] P.A. LFS **10.12.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Bank of Valletta p.l.c. vs Francis Beżżina Wettinger*** (mhix appellata)

[48] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Bank of Valletta Ltd vs Anna's Trading Co Ltd et*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.ii.159**)

[49] P.A. TM **3.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Reno Borġ noe et vs Joseph Borġ et noe et*** (mhux appellata)

u kif ukoll wasslu biex jaqbel mat-talba kif saret fl-Att taċ-Ċitazzjoni[50]. Il-Qorti, safejn setgħet, qabblet il-kalkoli u ċ-ċifri fil-prospett ma' aċċertamenti matematiċi disponibbli għaliha biex tara li dak pretiż joqgħod mal-prinċipji li ssemmew qabel. Min-naħa tagħhom, l-imħarrkin illimitaw irwieħhom biex jitlobu l-ħatra ta' perit komputist u ma ressqu l-ebda kritika fattwali kontra l-imsemmi prospett. Il-Qorti ma ħassitx li kellha taħtar espert biex jgħarbel ċifri li, bi ftit rieda tajba u dehen, l-imħarrkin u l-avukati difensuri tagħhom setgħu huma wkoll ikkokstataw u qabblu ma' *records* tagħhom, jekk għandhom. Jibqa' l-fatt li s-somma stabilita minn BOV bħala dik li kienet dovuta lilu dak inhar tal-"*call in*" taqbel sostanzjalment ma' dak li l-imħarrkin infushom iqisu li kienet dovuta dak inhar;

"Illi għalhekk, u għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, l-Qorti qiegħda ssib li s-somma kapitali dovuta mill-imħarrkin fuq il-kont *overdraft* mertu tal-każ dak inhar li saret il-"*call in*" kienet ta' Lm 363,259.39 (li jġibu € 846,166.76 fi flus tal-lum), filwaqt li l-imgħax sempliċi bir-rata tat-8% fis-sena fuq dak l-ammont sat-30 ta' Settembru, 1999, tela' għal Lm 104,938.49 (li jġibu € 244,440.93 fi flus tal-lum). B'kollox, għalhekk, sat-30 ta' Settembru, 1999, BOV kien kreditur ta' JCC fis-somma ta' miljun u disgħin elf, sitt mija u seba' ewro u sittin ċenteżmi (€1,090,607.60), minbarra l-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-1 ta' Ottubru, 1999, sal-jum tal-ħlas effettiv;

"Illi mill-bqija, l-imħarrkin ma ressqu l-ebda kontestazzjoni oħra lil hinn minn dawk li din il-Qorti diġa stħarrġet f'din is-sentenza. Jibqa' biex jingħad biss li, minkejja s-solidarjeta' tal-imħarrkin garanti, l-istess garanzija kienet torbothmo sa ammont massimu u mhux għas-somma jew għad-dejn kollu dovut mid-debitriċi ewlenija JCC. Dawn il-limiti huma rabtiet kuntrattwali fuq BOV ukoll u ma jistax iwarrabhom jew jinjorahom fl-eventwali eżekuzzjoni tal-kreditu tiegħu, minkejja s-solidarjeta' tal-obbligazzjoni;

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

"**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin billi m'humiex mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

"**Tilqa' t-talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka J Cachia Caruana Limited u lill-imħarrkin l-oħrajn solidalment bejniethom iħallsu l-Bank attur is-somma ta' miljun u disgħin elf, sitt mija u seba' ewro u sittin ċenteżmi (€1,090,607.60), flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-1 ta' Ottubru, 1999, sal-jum tal-ħlas effettiv. Tippreċiża li r-rabta tal-imħarrkin garanti ikkundannati għall-

[50] Ara Dok "JCC10", f'paġġ. 542 – 5 tal-proċess

> ħlas hija fil-każ ta' kull wieħed u waħda minnhom marbuta mal-ogħla somma għal-limitu tal-garanzija skond il-ftehim magħmul minnhom; u
>
> "**Tikkundanna** lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża.**"

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza msemmija in kwantu din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka l-preċitata sentenza tat-2 ta' Mejju, 2012 fil-kawża fl-ismijiet premessi biex b'hekk tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiċħad it-talbiet tal-Bank attriċi u, in difett ta' tali revoka, tvarja l-istess sentenza billi minflok tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti illikwidat l-ammont dovut mill-konvenuti u minflok tillikwida dak l-ammont dovut mill-konvenuti lill-Bank attriċi f'somma inferjuri minn dik likwidata mill-ewwel Onorabbli Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess bank.

Rat ir-risposta tal-bank attriċi li permezz tagħha wara li talbet il-konferma tas-sentenza, ipproponiet ukoll appell inċidentali fejn talbet illi:

> "(ii) Tvarja s-somma ta' flus kononizzata u Tikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' miljun u segha u sittin elf u erbgha u tletin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,067,034.22) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sal-jum tal-pagament effettiv.
>
> "u
>
> "(iii) Tirrevoka l-imsemmija Sentenza fejn provdiet li "r-rabta tal-imharrkin garanti ikkundannati ghall-hlas hija fil-kaz ta' kull wiehed u wahda minnhom marbuta mal-oghla somma ghal-limitu tal-garanzija skont il-ftehim maghmul minnhom.

> "bl-ispejjez tal-ewwel istanza kif gia` decizi u bl-ispejjez tal-appell principali u tal-appell incidentali jitbatew kollha mill-konvenuti solidalment bejniethom."

Rat illi l-appell prinċipali ġie dikjarat deżert wara li l-appellanti ma ikkwatelawhx u li l-appellanti inċidentali in vista ta' dan irrinunzjat għall-ewwel talba tagħha tal-appell inċidentali iżda żammet ferma fir-rigward tat-tieni talba tagħha fl-istess permezz ta' nota ippreżentata minnha waqt is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2016;

Rat il-verbal tas-seduta msemmja tas-17 ta' Ġunju 2016 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkonsidrat;

Din il-Qorti baqgħalha allura tiddeċiedi biss jekk għandhiex tilqa' t-tieni talba kontenuta fl-appell inċidentali tal-bank attriċi u ċioe` jekk għandhiex tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn iddikjarat illi "ir-rabta tal-imħarrkin garanti ikkundannati għall-ħlas hija fil-każ ta' kull wieħed u waħda minnhom marbuta mal-ogħla somma għal-limitu tal-garanzija skont il-ftehim magħmul minnhom".

L-aggravju tal-appellant inċidentali huwa wieħed fattwali u mhux tant legali; hawn qed jgħid li l-appellanti personalment kienu iggarantew somma akbar minn dik mitluba fl-att taċ-ċitazzjoni; għalhekk ma kienx hemm lok għall-frażi msemmija fis-sentenza finali.  L-appellanti da parti tagħhom

irrispondew għal dan billi qalu li kull ma għamlet l-ewwel Qorti kien iddikjarat dak li tgħid il-liġi u allura ma hemmx lok għar-revoka ta' din il-parti tas-sentenza. Waqt il-kors tat-trattazzjoni d-difensur tal-bank appellant inċidentali qal li pero` l-istess frażi taf tagħti lok għal problemi fl-esekuzzjoni tas-sentenza.

Din il-Qorti jidhrilha li minn dan l-aspett fattwali l-appellant inċidentali għandu raġun għaliex id-dokument esebit maċ-ċitazzjoni u ċioe` l-kuntratt in kwistjoni juri mingħajr dubju li l-appellanti personalment iggarantew dejn ammontanti għal mill-inqas is-somma ta' 625,000 liri Maltin; allura kif sewwa issottometta l-bank, somma akbar minn dik mitluba fiċ-ċitazzjoni u wkoll akbar mis-somma likwidata mill-ewwel Qorti bħala dovuta mill-konvenuti appellanti. Kwindi ma kienx hemm lok għal dik il-frażi li fiċ-ċirkostanzi setgħet toħloq ekwivoċi inutili fl-eżekuzzjoni tas-sentenza.

Lanqas ma huma korretti l-appellanti konvenuti li kull ma għamlet il-Qorti kien li irrepetiet dak li tgħid il-liġi – anzi l-Artikolu 1094 tal-Kodiċi Ċivili jgħid espressament illi:

> "**1094.** L-obbligazzjoni hija *in solidum* għad-debituri meta huma kollha obbligati għall-istess ħaġa, b'mod li kull wieħed minnhom jista' jiġi mġiegħel għall-ħlas tad-dejn kollu, u li l-ħlas magħmul minn wieħed minnhom jeħles lill-oħrajn lejn il-kreditur."

Kif ikkummentat il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismiijet **Paolo Inguanez v. Joseph Cremona**, (25 ta' Ottubru 1954) wara illi irrepetiet dak li jghid dan

l-artikolu, "*dan ifisser li l-kreditur jista' jdur kontra min irid mid-debituri in solidum minghajr ma d-debitur prexelt jista' jopponi d-divisjoni tal-obligazzjoni*".

Il-Qorti għal dawn ir-raġunijiet se tilqa' l-appell inċidentali msemmi.

**DECIZJONI**

Għal dawn il-motivi il-Qorti fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tilqa' l-appell inċidentali fuq imsemmi billi tirrevoka biss il-parti li tgħid; "ir-rabta tal-imħarrkin garanti ikkundannati għall-ħlas hija fil-każ ta' kull wieħed u waħda minnhom marbuta mal-ogħla somma għal-limitu tal-garanzija skont il-ftehim maghmul minnhom".

L-ispejjeż tal-appell u dak inċidentali wkoll a kariku tal-konvenuti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df